MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Numru 182/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**
**(Spettur Bernard C Spiteri)**

**Versus**

**Mohamed Saad Salem Marjini**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Mohamed Saad Salem Marjini ta' 26 sena iben Saad u Fatma, imwieled fis-7 t'Awwissu 1982 gewwa Tripoli l-Libja u residenti Shangri-La, Triq Sir Temi Zammit , Ta' Xbiex, Detentur tal-Passaport libjan bin-numru 633794-08Y

**2. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-14 ta' Frar 2009 gewwa San Giljan u Ta' Xbiex jew fil-vicinanzi, f'xi hin bejn il-hamsa u nofs (05.30) u s-sitta (6.00) ta' filghodu**

**kkommetta serq ta' mitt Ewro fi flus kontanti ghad-dannu ta' Paul Camilleri liema serq huwa aggravat bil-hin.**

3. Rat l-atti kollha tal-process inkluza l-hatra ta; Huoto Nazmi Khalil sabiex jassisti lill-imputat bhala traduttur mil-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vice versa, l-interrogatorju tal-imputat li fih huwa ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji, il-fedian penali tal-imputat,id-dikjarazzjoni tad-difiza li biha kienet qed tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar il-volontarjeta' tal-istqarrija, l-istqarrija tal-imputat, u l-current incident report li juri li kein sar rapport fit-8.00 am tal-14 ta' Frar 2009 u fejn l-hin tal-incident inghata bejn is-06.30 u 06.40 ta' filghodu..

4. Semghet ix-xhieda bil-gurament.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur..

Il-Fatti

6. Skond il-Prosekuzzjoni nhar l-14 ta' Frar 2009 ghall-habta tat-8.00am certu Paul Camilleri ghamel rapport li kien isnteraq 100 Ewro. Ghall-habta tas-6.30 am kien qabad taxi minn Paceville biex imur lejn id-dar. Mieghu rikeb l-imputat li kellu jieqaf Ta' Xbiex. Is-sur Paul Camilleri hass lil din il-persuna tisraqlu l-kartiera minn gol-but ta' wara izda bweza' jaffrontah. Izda Ta' Xbiex nizlu t-tnejn u x-xhud talbu l-kartiera. Il-persuna l-ohra tatu daqqa ta' ponn go wiccu u telqet minn fuq il-post. Din il-persuna hadet il-mitt Ewro u waddbet lura l-kartiera.

7. Gimaghtejn wara, is-sur Paul Camilleri gharraf lill-Pulizija li kien qed jaghraf lill-persuna li serqitu. Il-Pulizija kellmet lill-imputat.

**L-Istqarrija tal-imputat**

8. Fl-istqarrija tieghu maghmula fit-28 ta' Frar 2009 l-imputat qal li kien iltaqa' ma' Paul Camilleri hmistax qabel hdejn id-dar tieghu Ta' Xbiex. Minn Paceville kien nizel b'tal-linja u Paul Camilleri waqaf ikellmu hdejn il-gnien f'Ta' Xbiex. L-imputat kien ftit fis-sakra u Paul Camilleri stiednu jmorru jiehdu kafe. L-imputat qal li s-sur Camilleri beda jdejqu u l-imputat imbuttah u ta daqqa ta' spalla lil Paul Camilleri. Huw nnega li iken seraq il-mit Ewro.

9. Paul Camilleri xehed li kien ha taxi minn ghand tal-Wembley u mieghu kien tela' l-imputat. Camilleri xehed li hass lil xi hadd qisu qed jehodlu l-wallet. Ma kellmux ghax beza' minn xi mus. Meta waslu Ta' Xbiex hallieh johrog u nizel warajh. Huwa pprova jkellmu biex jaghtih il-wallet. Hawn il-Libjan innega li kien ha l-wallet izda x-xhud ra l-wallet tieghu fil-but ta' warfa tal-imputat. Imbaghad l-imputat hareg il-wallet, waddab il-wallet, ha l-flus u qallu li jekk ried imur igib il-Pulizija. Ix-xhud ma setax jilhqu. Dar mad-dawra u nizel fil-gnein ta' Ta' Xbiex. Ix-xhud beda jcempel lill-Pulizija. Dawn fl-ahhar gew u qaghdu jduru ftit. Huwa kkonferma li fil-wallet kellu zewg karti ta' 50 Ewro kull wahda.

10. Huwa ghamel ir-rapport fl-14 ta' Frar 2009 u qal li l-incident sehh bejn is-6.00am u s-6.30 am. Ix-hud kwein cert mill-identita' tal-imputat kemm meta nduna bih gewwa pub f'Paceville kif ukoll fl-Awla. Ix-xhud kompla jghid li meta kkonfronta lill-imputat hwua kien barra l-Guesthouse ta' fejn kien qed joqghod l-imputat. Ix-xhud innega li huwa kien mar fuq l-imputat li qatt ma kien rah b'ghajnejh qabel. Dwar il-hlas tat-taxi, kulhadd hallas ghalih u t-tnejn kienu rekbin fuq wara tat-taxi.

11. Fil-kontro-ezami x-xhud baqa' jinsisti lima riedx jikkonfronta lill-imputat got-taxi minhabba li t-taxi ghandha spazju zghir. Huwa nnega wkoll li pprova jittanta lill-imputat (fol.28) Ix-xhud ippreciza li l-imputat ma keinx tah daqqa ta' ponn izda imbuttah biss. L-imptutat kien imbuttah ghax ix-xhud baqa' jiffittah biex jaghtih il-wallet.

**Jixhed l-imputat**

12. Xehed Mohamed Saad Salem Marjini u qal li hu hareg mid-disco Clique bejn is-6.00 u 6.30 ta’ filghodu. Huwa qal li kein uza x-xarabank biex wasal Ta’ Xbiex. Huwa qabad ix-xarabank minn hdejn il-Wembley Motors. Huwa qal li wasal Ta’ Xbiex ghal xi 6.50 u keient diga’ harget ix-xemx. Huwa nizel fil-gnien ta’ Ta’ Xbiex ghax bilfors kellu jinzel hemm. Huwa nnega li kien rikeb taxi u kien iltaqa’ max-xhud Ta’ Xbiex. Huwa qal li kien ix-xhud li mar fuqu u qallu Bongu. Ix-xhud stiednu biex jiehdu kafe’ u pprova jmissu naqra fuq spallejh. Ix-xhud beda jsaqsieh hafna domandi u ghalhekk kellu jimbuttah. Ix-xhud widdbu li kien ser icempel lill-Pulizija. Huwa ma kienx ra lix-xhud gej bit-taxi.

13. Fil-kotro-ezami l-imputat qal li li-xhud ma kienx rah xi drabi ohra. Huwa wiegeb ‘Le’ meta kien mistoqsi jekk kienx ra l-kartiera tax-xhud. Huwa nnega li kien fis-sakra. Huwa qal ukoll li ma kienx possibbli li jiehu l-flus u jwaddab il-wallet (fol 39).

14. Fil-konfront ix-xhud nnega li kien miss lill-imputat. U zied jghid li qabel is-6.00 am l-kaozzi ma jibdewx. Ix-xhud baqa’ jinsisti li l-imputat qabad it-taxi u dan kien qabel is-6.00 am. Filfatt Ta’ Xbiex waslu bejn is-6.00 u s-6.30am. Barra dan meta mar mal-Pulizija fejn joqghod l-imputat sid il-post qal li kulhadd kien dahal qabel is-6.00am.

15. Ix-xhud qal li hu qatt ma kien fil-gnien. Kien ghadda mill-gnien biex jigri warajh u l-imputat dahal fi sqaq u x-xhud baqa’ jistennieh ghax haseb li kien ser jerga’ johrog. Il-wallet kien fil-but ta’ wara. Wara fit l-imputat haergu u saqsieh ridux. Imbaghad qabad u waddbu. (Fol 42). U zied jghidlu li jekk ried seta’ jgiblu l-Pulizija. Tat-taxi kein qallu li ma seta’ jaghmillu xejn.

16. Xehed ukoll Gilbert Grima mtella’ mid-difiza. Dan ix-xhud kien character reference. Lill-imputat kien jafu ghax kien jghallmu l-Ingliz. Kien ilu jmur min-Novembru u kien imur kwazi kull jum. Skond dan ix-xhud l-imputat kien kwiet u mohhu jaghtih. Kien jitghallem jigri. Mal-imputat qatt ma kellu problemi. Ix-xhud kien offra hu stess li jitla’ jixhed.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. Il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet differenti ta' kif sehhu l-avvenimenti nhar l-14 ta' Frar 2009.

18. Minn dawn il-verzjonijiet huwa x-xhud li qed jghid il-verita' u mhux l-imputat. Dan tal-ahhar, bniedem intelligenti, mill-ewwel laqa' ruhu fl-istqarrija tieghu billi qal li kien mar id-dar b'xarabank. B'dan il-mod seta' jaqta' barra l-prezenza tieghu fit-taxi u fl-istess hin jibdel il-grajja billi jghid li kien ix-xhud tal-Prosekuzzjoni li avvicinah gewwa Ta' Xbiex.

19. Meta xehed quddiem il-Qorti, l-imputat mhux biss ma mpressjonax lill-Qorti, kemm meta kien bilqeghda kif ukoll meta tela' fuq il-pedana tax-xhieda, izda qal li kien telaq minn Paceville **propju minn hdejn il-Wembley Motors**. Il-post jaqbel ezatt ma' fejn ix-xhud tal-Prosekuzzjoni indika li ttiehdet it-taxi. **Din diga' hija kumbinazzjoni xi ftit stramba.**

20. Izda dan ma kienx bizzejjed. L-imputat hass li kellu jelabora u jghid :

*'Jien rajt hafna nies fuq l-istejg tal-linja tax-xarabank u jiena bqajt u waqaft hdejhom. Imbaghad kif giet tal-linja tlajt.'*

21. Din il-verzjoni l-Qorti ma temminhiex. Jidher li l-imputat hass li l-verzjoni tieghu li rikeb ix-xarabank u mhux it-taxi riedet xi ftit tal-kulur biex titwemmen. Ir-reazzjoni meta tara hafna nies fuq l-istejg u int tkun xrobt (kif qal hu stess- anzi fl-istqarrija kien qal li kien fis-**sakra** ) iggib reazzjoni opposta – dik li ma tistenniex u titlaq lejn darek bl-aktar mezz efficjenti.

22. Lanqas ma temmen il-Qorti li x-xhud miss lill-imputat fuq spallejh (Ara fol 36) ghal xi ragunijiet ulterjuri. Jekk ix-xhud miss lill-imputat fuq spallejh, dan kien biex jipperswadih irodd il-flus li kien hadlu.

23. Barra dan, il-Qorti ma tarax li jaghmel sens li bniedem li jkun ‘missek’ jheddek bil-Pulizija u jibqa’ jcempel sakemm il-Pulizija jmorru hdejn Manoel Island. Ikun aktar logiku li wiehed li jkun iffitta ‘l xi hadd, u dan ix-xi hadd ma jkunx ha gost bih, jara kif idabbar rasu u mhux jibqa’ jinsisti sa ma jigu l-Pulizija. Huwa difficli tinterpreta l-imgiba tax-xhud bhala ***‘mise en scene’***.

24. Il-verzjoni tal-imputat tkompli tiddghajjef meta wiehed iqis li x-xhud, flok nesa l-episodju, mal-ewwel cans li ra lill-imputat, gharraf lill-Pulizija. Jekk ikollok il-faham miblul, zgur ma taghmilx dan il-pass.

25. Il-Qorti tqis li l-verzjoni tax-xhud hija veritjiera. Jaghmel hafna sens li wiehed ma jirreaggixix fit-taxi specjalment jekk wiehed qed jibza’ li l-iehor jista’ jkun armat. Jidher ukoll li x-xhud ipprova jiehu lill-imputat bil-manjiera kollha sabiex jirritornalu l-kartierat u l-flus. L-imputat, forsi minhabba x-xorb li kellu fuqu, flok irraguna u ta kollox lura, ta biss il-il-kartiera u ha l-flus.

26. Il-Qorti nnutat ir-risposti stokkati f’mistoqsijiet krucjali li qed isiru mill-avukat tal-imputat stess. Hawn qed tkun riprodotta parti mill-mistoqsijiet maghmula mill-Avukat tal-imputat stess u r-risposti qsar,qsar tal-imputat:

*Avukat: ‘Semmielek xi flus dak il-hin?*

*Imputat: Le.Xejn.*

*Avukat: Semmielek li kont meighu f’xi taxi?*

*Imputat: Le*

*Avukat: Rajtu gej bit-taxi fil-post?*

*Imputat: Le’*

27. U l-istess meta fil-kontro-ezami l-Ispettur staqsih:

*‘Int rajt xi darba xi kartiera tieghu?*

*Imputat: Le.*

28. Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi li kulma ghamel l-imputat kien li pprova jsostni dak li qal fl-istqarrija li ttiehdet ferm wara l-incident izda l-Qoti xejn ma kienet impressjonata b'din ir-ripetizzjoni ta' nuqqas ta' verita'. Ghalhekk qed tiddeciedi li l-verzjoni tal-imputat mhix veritjiera.

29. Min-naha l-ohra issib li l-verzjoni ta' Paul Camilleri hija attendibbli.

30. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi li l-imputat huwa hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

31. Dan jinkludi l-aggravju tal-hin. Officjalment fl-14 ta' Frar 2009 ix-xemx telghet fis-6.50 ta' filghodu[1] (skond it-Terrestrial Dynamic Time (TDT)) u ma' dan trid izzid siegha biex ikollok Central Euroepan Time (CET).[2]

## Konkluzjoni

32. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 261(f), 270, u 281(a) tal-Kap 9 qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih. Dwar il-piena, il-Qorti qed tiehu inkonsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u l-ammont involut. . Ghaldaqstant flok tikkundanna lil-imputat qedd tiliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn. Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi serji li jista' jkun hemm jekk jinkiser l-artikolu 22 tal-Kap 446. Il-Qorti qed tordna wkoll li l-imputat

[1] Ara: Sky Almanac 2009 l-ahhar pagina.

[2] L-artikolu 270 jghid hekk:
'Theft is aggravated by 'time', when it is committed in the night, that is to say, between sunset and sunrise.

ihalals il-mitt Ewro lis-Sur Paul Camilleri u dan ai termini atl-artikolu 24 tal-Kap 446 liema ordni tista' tkun esegwita civilment jekk l-imputat jibqa' inadempjenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------